C/2026/751

3.2.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12257 — ING / GS TFI)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/751)

1. Fis-26 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ING Bank Śląski S.A. ("ING", il-Polonja), ikkontrollata minn ING Groep NV,

— Goldman Sachs Towarzystwo Funduszy Inwestycyjnych S.A. ("GS TFI", il-Polonja), ikkontrollata minn Goldman Sachs Asset Management International Holdings BV.

ING se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' GS TFI kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— ING hija fornitur ta' servizzi bankarji u finanzjarji inkorporata fil-Polonja u fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn ING Groep N.V., kumpanija azzjonarja bankarja inkorporata fin-Netherlands,

— GS TFI hija kumpanija ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment inkorporata fil-Polonja. GS TFI toffri servizzi ta' ġestjoni tal-assi għal investituri bl-imnut u istituzzjonali fil-Polonja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [2], għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet possibbli tagħhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12257 — ING / GS TFI

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Directorate-General Competition
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet/Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
IL-BELĠJU/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.